

# Kawża C-284/04

**T-Mobile Austria GmbH et**

**vs**

**Republik Österreich**

(talba għal deċiżjoni preliminari merssqa  
mil-Landesgericht für Zivilrechtssachen Wien)

“Sitt Direttiva tal-VAT — Tranżazzjonijiet taxxabbli — Kunċett ta’ ‘attività ekonomika’ — Artikolu 4(2) — Assenjazzjoni ta’ liċenzji li jippermettu l-użu ta’ parti definita ta’ l-ispettru ta’ frekwenzi rriżervat għas-servizzi ta’ telekomunikazzjoni”

Konklużjonijiet ta’ l-Avukat Ġenerali J. Kokott, ippreżentati fis-7 ta’ Settembru  
2006 . . . . . I - 5191  
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta’ Ġunju 2007 . . . . . I - 5225

## Sommarju tas-sentenza

*Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Attivitàjiet ekonomiċi fis-sens ta’ l-Artikolu 4 (2) tas-Sitt Direttiva*

*(Direttiva tal-Kunsill Nru 77/388, Artikolu 4(2))*

L-Artikolu 4(2), tas-Sitt Direttiva 77/388, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-assenjazzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali, responsabbli għall-assenjazzjoni tal-frekwenzi, ta' liċenzji għall-użu tal-frekwenzi ta' l-ispettru elettromanjetiku bil-għan ta' provvista lill-pubbliku tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni mobbli, permezz ta' tqegħid għall-irkant, ma tikkostitwixxi attività ekonomika fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u, konsegwentement, ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Din l-attività hija kundizzjoni neċessarja u preliminari għall-aċċess ta' l-operaturi ekonomiċi għas-suq tat-telekomunikazzjonijiet mobbli u m'għandhiex tikkostitwixxi parteċipazzjoni ta' l-awtorità kompetenti fl-imsemmi suq. Fil-fatt, huma biss dawn l-operaturi, proprjetarji tal-liċenzji assenjati, li joperaw fis-suq in kwistjoni billi jisfruttaw il-proprjetà in kwistjoni bl-iskop ta' dħul minnha ta' natura kontinwa.

Għaldaqstant, fl-assenjazzjoni tagħha ta' tali awtorizzazzjonijiet, l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tipparteċipax fl-isfruttament ta' proprjetà, li hija l-imsemmija liċenzja għall-użu bl-iskop ta' dħul ta' natura kontinwa. Permezz ta' din il-proċedura ta' assenjazzjoni, din l-awtorità teżerċita biss attività ta' kontroll u regolatorja ta' l-użu ta' l-ispettru elettromanjetiku li huwa espressament mogħti lilha.

Barra minn hekk, il-fatt li l-assenjazzjoni tal-liċenzja in kwistjoni tagħti lok għal ħlas mhuwiex tali li jbidel in-natura ġuridika ta' din l-attività.

(ara l-punti 42, 44, 45, 49 u d-dispożittiv)